# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.8

**Kap 4: Il-paċi sabiħa**

**Lezzjoni 4.8: Niskuża ruħi quddiem sħabi u quddiem Ġesù**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

1. Jirrevedu l-kunċett tal-maħfra.
2. Jagħrfu l-importanza tal-qrar fil-ħajja tan-Nisrani.
3. Jitgħallmu dwar kif għandhom iqerru tajjeb.
4. Jifhmu x'irid isir wara li wieħed iqerr.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- vidjow 'How do I go to confession'
- Karta ta' Taħriġ 4.6
- vidjow tal-kanzunetta 'Mercy is falling'.

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal dwar il-lezzjoni preċedenti dwar xiex kienet, x'tgħallmu eċċ. Wara staqsi lit-tfal x'jaħsbu li għandna nagħmlu qabel nersqu lejn is-sagrament tal-Ewkaristija.

- Meta t-tfal isemmu l-qrar, ħeġġeġ lit-tfal biex ikomplu jelaboraw dwar dan is-sagrament sabiex tara huma x'jafu. Staqsihom dwar l-esperjenza tagħhom tal-qrar.

- Spjega li matul din il-lezzjoni se jitgħallmu dwar is-sagrament tal-qrar u x'għandhom jagħmlu biex iqerru qrara tajba.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Għid lit-tfal li huwa importanti li huma jkunu ppreparati sewwa qabel ma jersqu għall-qrar. Staqsi lit-tfal dwar x'jaħsbu li jridu jagħmlu biex iqerru qrara tajba.

- Spjega lit-tfal li biex huma jitgħallmu aktar dwar dan se jaraw vidjow animat dwar is-sagrament tal-Qrar. Uri l-vidjow imma peress li huwa bl-Ingliż kultant ieqaf biex tispjega ħalli tkun ċert li kulħadd qed jifhem.

- Għid lit-tfal li dan is-sagrament jissejjaħ ukoll is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni li tfisser terġa' tingħaqad għaliex permezz tal-qrar aħna nkunu qegħdin nerġgħu nagħmlu ħbieb ma' Alla.

- Agħmel enfasi fuq l-ewwel parti: l-eżami tal-kuxjenza. Għidilhom li huwa importanti li jaħsbu dwar dnubiethom ħalli meta jmorru jqerru ma jħallu xejn barra.

- Agħmel enfasi ukoll fuq l-aħħar parti: il-penitenza. Għidilhom li kultant it-talb biss mhux biżżejjed biex tpatti għal dak il-ħażin li tkun agħmilt. Eżempju jekk ħadt xi ħaġa ta' xi ħadd trid troddha lura, jekk iġġilidt ma' sieħbek trid tagħmel paċi miegħu eċċ eċċ.

- Ħeġġeġ lit-tfal biex jipparteċipaw fid-diskussjoni billi tistaqsihom dwar l-esperjenzi tagħhom: kif iħossuhom qabel ma jqerru u kif iħossuhom wara.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.6 u spjega s-silta mogħtija.

- Iddiskuti bħala klassi Attività 1 biex it-tfal kollha jaslu biex jgħaqqdu s-sentenzi tajbin.

- Stieden lit-tfal biex isibu huma t-triq lejn Ġesù. Forsi tuża l-IWB biex twassal lil dawk li ma jaslux biex isibu t-triq.

- Iddiskuti l-aħħar attività u uri l-importanza li meta jgħidu 'iva', dan ikun bis-serjetà.

- Biex torbot mal-lezzjoni li jmiss, staqsi: Wara li nersqu lejn is-sagrament tal-qrar, x'irridu nagħmlu bħala Nsara tajbin? U kif nistgħu ngħixu l-Ewkaristija? Għid lit-tfal li fil-lezzjoni li jmiss se jidħlu aktar fid-dettal.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Qabel ma nersaq lejn is-sagrament tal-Ewkaristija rrid immur inqerr.
2. Biex nagħmel qrara tajba l-ewwel irrid nagħmel eżami tal-kuxjenza.
3. Fl-aħħar irrid nagħmel il-penitenza li jagħtini l-qassis.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jgħixu ma' xulxin fil-klassi f'ambjent ta' għajnuna u ferħ.
- It-tfal juru rieda tajba biex jagħmlu dejjem it-tajjeb u meta jgħidu 'sorry' jkun ta' veru.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ikklonkludi l-lezzjoni billi tkantaw il-kanzunetta 'Mercy is falling'.



## Nitolbu

Mulej Alla tiegħi, Inti tħobbni ħafna.

Jiddispjaċini talli għidtlek 'le' bi dnubieti.

Mil-lum 'il quddiem, bil-għajnuna tiegħek,

ma nerġax nidneb iżjed;

u rrid inħobbok fuq kollox.